**Ġuda għaliex?**

X'fettillek għażiż Ġuda
Tbiegħ lill-Imgħallem tiegħek?
Fuq liema skuża begħdtu?
U x'ħadt b'għemilek miegħek?

Għaliex kiddejt lill-qalbek?
X'fettillek tonsob għal ħuk?
Għaliex mort fin-nar jaħraq?
'nftaħt għax xjaten li ħaqruk?

O Ġuda ara wiċċek
Kif inbidel u tqarras?
Għaliex waħħaltha f'rasek
Ħallejt ilsienek jqasqas?

X'ridtu jkun lill-Imgħallem
Ma kontx taf li kien umli?
Għaliex ridt tassew 'ddefsu
Fil-poter? Dan intuli!

Ħallejt ix-xitan tal-flus
Jagħmik tant li begħt lil ħuk,
Għidli kif tridhom issa
In-nies lilek iweġġħuk?

Ġuda Ġuda, imħabbtek
Għall-flus għamlitek xitan,
Qatgħetek mill-Imgħallem
U ħabbittek mal-qiegħan.

Dawk uliedek fl-istorja
Lill-flus għamlu allathom,
Kif spiċċaw, kollha mkissra
Xejn u xejn ma baqagħlhom.

Titnissel ġewwa qalbna
Dieqa kbira issemmiex,
Kif ħesrem temmejt ħajtek
X'fettillek Ġuda, għaliex?

Patri Mario Attard OFM Cap
6 t'April 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.